# Qanpiena Ġdida
## għall-Knisja Parrokkjali





Għal din is-sena ċentinarja se nżanżnu qanpiena ġdida li se tieħu post oħra li minħabba ħsara tilfet il-ħoss. Din il-qanpiena saret mid-ditta Taylor ġewwa l-Ingilterra. Il-qanpiena ngħatat l-isem ta' Esther, mart id-donatur is-Sur Vella. Għandha dijametru ta' 1740mm, tiżen 3,183kg u l-għoli tagħha huwa ta' 1645mm. Din issa hija l-akbar qanpiena fil-kampnar tal-knisja parrokkjali tagħna. Fil-fatt l-antika kienet magħrufa bħala l-kbira u ġiet fundata fl-1885 fil-fonderija ta' Ġulju Cauchi. B'kollox il-knisja arċipretali taż-Żejtun għandha sitt qniepen, tlieta fuq kull kampnar. Iċ-ċerimonja tat-tberik tmexxiet mir-Rev. Arċipriet Dun Eric Overend il-Ħadd 29 ta' Mejju.



*It-tberik tal-qanpiena ġdida mir-Rev. Arċipriet Dun Eric Overend, il-Ħadd 29 ta' Mejju. Fuq ix-xellug Esther u fuq il-lemin Ġużeppi Vella d-donaturi.*




*Il-qanpiena tittella' f'postha t-Tnejn 30 ta' Mejju.*

**Prosit u Grazzi Esther u Ġużeppi Vella**